

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata min-naħa tas-SRB, kuntrarjament għall-Artikolu 296 TFUE.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014 L 225, p. 1).

---

### Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2019 – Clatronic International vs EUIPO (PROFI CARE)

(Kawża T-5/19)

(2019/C 82/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Clatronic International GmbH (Kempen, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Löffel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva PROFİ CARE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 372 358

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Ottubru 2018 fil-Każ R 504/2018-1

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2019 – Fastweb vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-19/19)

(2019/C 82/74)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Fastweb SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Merola, L. Armati, A. Guarino u E. Cerchi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea